# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
## IMHALLEF
## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 27 ta' Jannar, 2000.**

**Numru:**

**Citazzjoni Numru: 13/94 JF**

**Sidney Ellul Sullivan ghan-nom u in rapprezentanza ta' Sudiipta Limited.**

**-vs-**

**Dr. Simon Tortell li b'nota tat-18 ta' Frar 1994, assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju tas-Socjeta' Lotto S.P.A. (wara li b'digriet tal-21 ta' Frar 1994 il-kuraturi deputati Dr. Raymond Pace U.P.L.  Mario Mifsud Bonnici gew mahruga mill-kawza.)**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur nomine kien importatur u d-distributur lokali f'Malta tal-prodotti tas-socjeta' konvenuta, u dan ghal dawn l-ahhar erba' snin.

U premess illi recentament u precizament permezz ta' fax tad-9 ta' Lulju, 1993, is-socjeta' konvenuta unilateralment u minghajr ebda preavviz informat lill-attur nomine illi kienet qeghda tittermina b'effett immedjat kwalunkwe relazzjoni kummercjali bejniethom (Dok. 'A').

U premess illi l-attur nomine sar jaf illi s-socjeta' konvenuta kienet nominat ditta ohra bhala distributuri tal-prodotti taghha Malta;

U premess illi s-socjeta' konvenuta ddecidiet ukoll illi ma tonorax l-ordnijiet ta' merkanzija li lahqet ghamlet is-socjeta' attrici sal-imsemmija data u dan ghalhemm l-ordnijiet kienu saru regolarment skond il-proceduri li kienu gew stabbiliti minn zmien ghal zmien bejn il-partijiet.

U premess illi minhabba dan l-agir illegali u abbusiv l-attur nomine sofra danni ingenti f'nuqqas ta' qliegh kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut nomine responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur nomine minhabba n-nuqqas ta' konsenja tal-merkanzija ordnata;

2. Tillikwida d-danni hekk kagunati; u

3. Tikkundannah ihallas lill-attur nomine d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri tal-kuraturi u tal-mandat ta' sekwestru kontra l-konvenut nomine.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut noe;

Fejn eccepixxa:

(1) Illi l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt, stante illi qatt ma kienet tezisti l-ebda relazzjoni stabbli ta' principal u distributur bejn il-partijiet, izda biss wahda ta' venditur u kumpratur okkazzjonali ta' merkanzija skond il-htiega;

(2) Illi l-azzjoni attrici hija wkoll infondata fid-dritt stant illi:

i) anke jekk ghall-grazzja tal-argument l-attur noe kien effettivament distributur tal-konvenut noe, it-terminazzjoni ta' dik ir-relazzjoni guridika ma taghti l-ebda lok ghll-kundanna tal-konvenut noe ghall-hlas tad-danni; u

ii) jekk it-talba ghall-hlas tad-danni tinbet min-nuqqas ta' konsenja ta' merkanzija, il-konvenut noe qatt ma accetta tali ordni da parti tal-attur, u dan ghar-ragunijiet li sejrin isegwu;

iii) Illi l-attur noe ma hallasx lill-konvenut noe ta' merkanzjija mibjugha lilu, u ghalhekk il-konvenut noe ghazel li ma jkomplix iforni lill-attur noe b'merkanzija, u lanqas jaccetta ordnijiet tieghu;

iv) Illi l-attur noe ukoll naqas milli jiehu konsenja ta' dak kollu minnu ordnat, u ghalhekk il-konvenut noe kellu jaghmel arrangamenti alternattivi, kif ukoll ma jaccettax ordnijiet.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Citazzjoni tal-konvenut noe li in via rikonvenzjonali, qieghed jipprevalixxi ruhu mill-azzjoni tal-attur noe sabiex jaghmel is-segwenti talbiet;

Jesponi bir-rispett:

Premess illi l-konvenut noe forna lill-attur noe b'diversi konsenja ta' hwejjeg u armar sportivi;

Premess illi l-konvenut noe kiien ta kreditu lill-attur noe fil-hlas ta' dak minnu ordnat u dak lilu konsenjat;

Premess illi sal-llum, l-attur noe hu debitru versu l-konvenut noe fis-somma ta' liri Taljani 4.132.885, kif ukoll fis-somma ta' dollari Amerikani 132, kif jirrizulta mill-annessa kopja ta' rendikont immarkata dok. A;

Premess illi ghalkemm interpellat, l-attur noe baqa' inadempjenti;

Jghid il-ghaliex l-attur noe din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tikkundannah ihallas lill-attur noe f'valuta Maltija ekwilvalenti fid-data tal-hlas effettiv ghas-somma ta' liri Taljani 4.132.885 u dollari Amerikani 132.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja, u bl-ingunzjoni tal-konvenut noe in subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Sidney Ellul Sullivan nomine ghar-rikonvenzjoni maghmula mill-konvenut nomine.

Jeccepixxi bir-rispett.

1. Illi l-azzjoni rikonvenzjonali hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili.

2. Illi fi kwalunkwe kaz l-attur nomine m'ghandu jaghti xejn lill-konvenut nomine.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament in-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Trattata ezawrjentement il-kawa mid-difensuri rispettivi tal-partijiet;

Ikkunsidrat li mill-provi jirrizulta li, tul erba' snin cirka, l-attur nomine kien jimporta esklussivament u jbiegh ukoll lokalment il-prodotti tas-socjeta' konvenuta konsistenti principalment fi zraben u accessorji sportivi. Jirrizulta wkoll li meta kien hemm ordni pendenti u accettata miz-zewg nahat - kompratur u venditur - is-socjeta' konvenuta kitbet lill-attur nomine fejn

informatu - u dan tramite fax bid-data tad-9 ta' Lulju 1993 (ara Dok. A, a fol. 5 tal-process) li; b'effett minn dakinhar, u cjoe' "ex tunc", huma kienu "obliged to discontinue our business relationship from today." Issa proprju din il-fax igibna ghall-konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine u ta' dak li s-socjeta' konvenuta riedet tiddimostra u tipprova tramite x-xhieda tar-rapprezentant taghha, u cjoe' Pier Luigi Ferro u d-dokumenti minnu esebiti. Il-konvenut nomine ried juri - minghajr pero' ma rnexxielu - li ma kienx minnu li l-attur kellu d-dritt esklussiv f'Malta li jimporta minn ghandhom il-prodotti taghhom pero' mid-dokumenti esebiti - u partikolarment mill-fax datata 19 ta' Marzu 1993 - Dok. SES1, a fol 46 m'ghandux ikun hemm dubju. Bl-istess mod u ghall-istess raguni jinghad li l-attur nomine xehed bla ma gie minimament ikkontradett li ftit qabel ma waslitlu l-fax bl-avviz tat-terminazzjoni tas-shubija kummercjali vigenti bejnu u bejn is-socjeta' konvenuta, l-imsemmi attur nomine kellu ordni ta' importazzjoni, debitament accettata, u li pero' ma gietx in segwitu onorata - nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta li rrendiha passibbli ghad-danni konsistenti f'telf ta' qliegh. Anzi, mill-kontroezami maghmul lil Pier Luigi Ferro, xhud u rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, jidher li dan kien ghal kollox sorpriz meta gie ikkonfrontat b'dokument immarkat bin-numru 4 (ara fol 52 tal-process) u ghalkemm huwa ma kkontestax l-awtenticita' tieghu, ma kienx f'pozizzjoni jghid aktar fuqu ghaliex hu personalment kien injar in toto bl-ezistenza tieghu, u wisq anqas bl-ordni kontenuta fih, izda dan ma jbiddel xejn, anzi jsahhah, dak li ppremetta l-attur nomine. Minbarra dan, lanqas ma tirrizulta minimament ippruvata l-allegazzjoni tal-konvenut nomine li s-shubija de quo bejn il-kontendenti kienet itterminata minhabba inadempjenza f'dawk li huma hlasijiet min-naha tal-attur nomine bhala kompratur. Ir-raguni moghtija mill-istess socjeta' konvenuta ma rrizultax li kienet din. Irrizulta inoltre li l-attur nomine diversi drabi lmenta maghhom li l-fornituri kien qeghdin jaslulu tardivament b'telfien ta' bejgh u profitti.

Illi dwar id-danni pretizi mill-attur nomine, l-attur nomine elenka l-ammont, fi flus, tal-merkanzija, zied maghhom hamsa fil-mija (5%) tal-'freight' fuq dana l-ammont, zied tletin fil-mija (30%) ta' dazju, imbaghad ikkalkula xejn anqas minn profitti progettati - u kwindi mhux percepiti - ta' mija fil-mija (100%). Fil-fehma tal-Qorti, dawn id-danni pretizi huma ezorbitanti, kif gustament issottomettiet ukoll is-socjeta' konvenuta fin-nota taghha. Ghaldaqstant il-Qorti sejra tirrevedi arbitrio boni viri l-imsemmija pretensjoni dwar danni u dan billi, filwaqt li taccetta l-ammont shih bhala valur moghti ghall-prodotti ordnati, sejra tikkancella l-percentwali mizjudin bhala "freight" u "custom duty" ghar-raguni li dawn fil-fatt baqghu ma nhargux, u tirriduci l-margni ta' profitti prospettati minn percentwal ta' mija fil-mija (100%) ghal dak inferjuri ta' ghoxrin fil-mija (20%). Dan mela jfisser li d-danni ghandhom ikunu hekk:-

Spring/Summer order: LM19.805
Autumn/Winter order: LM18,524
Total: LM38,329

= 20% "loss of profits" fuq LM38,329 = LM7,665.80c
(sebat elef sitt mija u hamsa u sittin lira Maltin u tmenin centezmu) u dana per saldu.

Min-naha tieghu, il-konvenut nomine intavola talba rikonvenzjonali riferibbilment ghall-hlas ta' zewg ammonti pendenti u dovuti mill-kontroparti, jigifieri l-ekwivalenti f'valuta Maltija tas-somma f'liri Taljani 4,132,885. u f'dollari amerikani 132 (mija u tnejn u tletin). L-attur nomine fl-ewwel lok eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-artiklu 2148 (b) tal-Kodici Civili (Kap 16) - cjoe' dik qasira ta' 18-il xahar. Fil-fehma tal-Qorti, dina l-eccezzjoni m'hijiex fondata. Ibda biex l-ittra datata 22 ta' Marzu 1993 (Dok. S3, fol 71) tikkontjeni

rikonoxximent esplicitu ta' l-ewwel ammont, u f'kull kaz il-preskrizzjoni taltvolta applikabbli kellha tkun dik kwinkennali a tenur tal-artiklu 2156 (f) tal-Kap. 16 li ma jidhirx li giet invokata. Minbarra dan, kwantu ghall-ammont l-iehor f'dollari Amerikani, l-attur nomine ma ppruvax li huwa ssalda din il-pendenza.

Ghalhekk ifisser li l-konvenut nomine pprova li min-naha tieghu l-ammonti mitlubin minnu huma dovuti u kwindi jridu jitnaqqsu mill-ammont likwidat lill-attur nomine aktar qabel.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-attur nomine u dik fil-mertu ghar-ragunijiet fuq imsemmija tilqa' t-talbiet attrici kif dedotta u ghall-fini tat-tieni talba tillikwida l-ammont ta' LM7,665.80c; tilqa' l-kontrotalba tal-konvenut nomine ghaz-zewg ammonti minnu mitluba; u fl-ahharnett tikkundanna lill-konvenut nomine li jhallas lill-attur nomine l-ammont minnu dovut kif jinghad nieqes minnu l-ammont dovut lilu f'valuta Maltija.

Il-Kap ta' l-ispejjez. tenut kont ta' dak li gie deciz, ghandu jigi sopportat kwantu ghal terz ($^1/_3$) mill-attur nomine u zewg terzi ($^2/_3$) mill-konvenut nomine.

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI

Deputat Registratur

md